

### *Apprezzament*

# Gaetano Sultana (1944- 2022)

### *Kien jifraħ bil-bosta meta kien iferraħ 'il ħaddieħor...*

Din hija l-aktar espressjoni li biha tista' tiddeskrivi li Gejtu Sultana. Gejtu trabba u għex il-Mellieħa, persuna popolari ħafna fostna l-Melleħin. Għex ħajja sempliċi imma kellu sens ċiviku kbir. Kien imżejjen b'ħafna talenti li ma żammhomx għalih iżda użahom u qasamhom mal-komunità ta' madwaru. Tul bosta u bosta snin Gejtu ta s-servizzi tiegħu lill-Mellieħa f'għadd ta' oqsma mingħajr qatt ma talab xejn lura. Kien maħbub minn kulħadd u kellu ħabta kif iżellaq kelmtejn waqt diskursata li kienu jnisslu tbissima fost dawk ta' madwaru.



Fl-1993 Gejtu kien ikkontesta b'suċċess l-ewwel elezzjoni għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u serva bħala Kunsillier fl-ewwel Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Għal diversi snin ta servizz lill-parroċċa tal-Mellieħa fejn kien janima l-quddies tal-ewwel. Kien ukoll membru attiv tal-Kor 'Għalenija'.

Gejtu kellu għal qalbu wkoll it-teatrin. Fis-snin sebgħin kien jifforma parti mill-grupp teatrali Għaqda Spartani Melleħin. Aktar tard huwa kien membru attiv tal-Għaqda Teatrali 'Mellieħa Stage Friends'.

Gejtu ħadem qatigħ għal snin twal fl-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina tal-Mellieħa. Kien membru tal-kor u serva bħala segretarju tal-istess għaqda sa mewtu. Kien jifforma wkoll parti mill-grupp 'Simar', grupp folkloristiku fi ħdan l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

Ta' sikwit kien ikun mistieden biex ikanta f'attivitajiet soċjali kemm fil-Mellieħa kif ukoll 'il barra minnha. Kienet l-hena tiegħu jkanta kanzunetti antiki Maltin, siltiet operistiċi u kanzunetti Taljani, l-aktar dawk Naplitani. Diversi drabi Gejtu kien ikun mistieden mill-Awtorità Nazzjonali tat-Turiżmu biex ikanta barra minn xtutna waqt attivitajiet promozzjonali. Għal sentejn konsekuttivi, huwa kien mistieden biex ikanta ma' orkestra sinfonika fl-Iskozja.

Bla dubju l-għana kienet ferm għal qalb Gejtu. Kien għannej magħruf kemm f'Malta u kemm f'Għawdex. Kellu ħila straordinarja għall-għana spirtu pront. Kien dejjem korrett fi kliemu u qatt ma qabeż il-linja. Kellu wkoll talent biex jikteb il-versi għall-għana, l-aktar għall-għana tal-fatt. Mhux darba jew tnejn waqt li kien ikun jgħanni quddiem udjenza barranija kien jgħanni bil-lingwa tagħhom l-aktar jekk ikunu Taljani. Kien jieħu sehem ukoll fil-Festival tal-Għana li kien isir fl-Argotti fil-Furjana. Għal xi snin kien ukoll iħarreġ għannejja żgħażagħ promettenti biex jieħdu sehem fl-istess festival.



Ta' mezzetà Gejtu tħajjar jitgħallem strument. Tgħallem idoqq il-baxx u ngħaqad mal-Banda Imperial. Minbarra li kien idoqq mal-banda, xi drabi kien ikanta wkoll waqt programmi mtellgħin mill-istess banda. Kien mużiċist eżemplari u baqa' jservi l-Banda Imperial sakemm il-Mulej għoġbu jsejjaħlu għal għandu għalkemm saħħtu ma baqgħetx li kienet.

It-telfa ta' Gejtu hija telfa wkoll għall-attività kulturali fil-Mellieħa. Jalla jkollna aktar persuni bħal Gejtu li jagħtu dak li jafu għall-ġid komuni. Ta' dan kollu ngħidulu *'Grazzi Gejt… strieħ fis-sliem'*.